MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 535/2012

**Carini Stores Limited (C13528)**

**vs.**

**Floriana F.C.**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta' disa' mija u disgha u disghin Ewro u ghoxrin centezmu (€999.20) dovuti mill-konvenut lis-socjeta` attrici, rapprezentanti bilanc ta' hlas dovut minnu ghal merkanzija supplita lilu mill-esponenti u li ghadha ma thallsitx.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-avviz tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-terminu

preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta` attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma disa' mija u disgha u disghin Ewro u ghoxrin centezmu (€999.20), bl-imghax legali dekorribbli mill-31 ta' Lulju 2012, li hija d-data tal-prezentata tal-avviz, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------